IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2021/2021 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | I |
| DATA/DATE: | 3 ta' Lulju 2021/3rd July 2021 |
| ĦIN/TIME: | mid-9:00 a.m. sal-11:05 a.m./9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

**Din il-karta għandha 40% tal-marki kollha tal-eżami.**
**Sezzjoni A: Minn din is-sezzjoni, wieġeb 25 mistoqsija. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 50 marka.**
***This paper carries 40% of the global marks of the exam.***
***Section A: Answer 25 questions from this section. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 50 marks.***

1. Xi jfittex il-bniedem mir-Reliġjon li jħaddan? (2)
   *What does a person seek from the religion he/she embraces? (2)*

________________________________________________

________________________________________________

2. Semmi reliġjon **mhux** Nisranija u ikteb tagħrif **WIEĦED** dwarha. (2)
   *Mention a **non**-Christian religion and state **ONE** fact about it. (2)*

________________________________________________

________________________________________________

3. Għaliex il-Bibbja hi meqjusa bħala l-Kelma ta' Alla? (2)
   *Why is the Bible considered the Word of God? (2)*

________________________________________________

________________________________________________

4. (a) Min hu meqjus bħala missier il-Poplu Lhudi? (1)
   *Who is considered to be the father of the Jewish People? (1)*

________________________________________________

   (b) Min kien ibnu? (1)
   *Who was his son? (1)*

________________________________________________

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

5. (a) Min hu l-awtur ewlieni tal-Bibbja? (1)
*Who is the main author of the Bible? (1)*

(b) Min hu l-awtur sekondarju tal-Bibbja? (1)
*Who is the secondary author of the Bible? (1)*

6. Ikteb l-isem ta’ **ŻEWĠ** kotba li nsibuhom fit-Testment il-Ġdid. (2)
*Write the names of **TWO** books found in the New Testament. (2)*

i. ______

ii. ______

7. Xi nkunu qegħdin infissru meta ngħidu li fil-Bibbja m’hemmx żbalji? (2)
*What is meant when we say that there are no mistakes in the Bible? (2)*

8. X’kienet l-ordni li ta Alla lill-bniedem meta tah nifs il-ħajja? (2)
*What was the order that God gave to man when he gave him the breath of life? (2)*

9. X’għamel Alla meta l-ewwel bnedmin għażlu li jinfirdu minnu permezz tad-dnub? (2)
*What did God do when the first people chose to be separated from him through sin? (2)*

10. Biex il-Poplu Lhudi juri s-sottomissjoni tiegħu lejn Alla, qal lil Mosè: “Kulma qal il-Mulej aħna nagħmluh” (Eż 19, 8). X’inhu dak li jitlob minna Alla l-Missier? (2)
*In order for the Jewish People to show their submission to God, they told Moses: “We will do everything the Lord has said” (Ex 19, 8). What does God the Father expect of us? (2)*

11. X'inhu miraklu? (2)
*What is a miracle? (2)*

12. Semmi **ŻEWĠ** mirakli li permezz tagħhom Ġesù wera l-qawwa tiegħu fuq in-natura. (2)
*Mention **TWO** miracles in which Jesus manifested his power over nature. (2)*

i. 

ii. 

13. Semmi **ŻEWĠ** attitudnijiet li Ġesù jistenna mid-dixxipli tiegħu. (2)
*Mention **TWO** attitudes that Jesus expects from his disciples. (2)*

i. 

ii. 

14. Meta u kif twieldet il-Knisja? (2)
*When was the Church born and how? (2)*

15. X'kien wieġeb Ġesù meta l-Fariżej kienu ħaduha kontrih għax kien jagħmilha mal-midinbin? (2)
*What did Jesus answer when the Pharisees questioned him because he used to be amongst sinners? (2)*

16. X'kien qed juri Ġesù meta kien jaħfer id-dnubiet? (2)
*What was Jesus showing when he forgave sins? (2)*

17. X'kienet in-nasba li fiha l-Fariżej riedu jdaħħlu lil Ġesù meta ħadulu quddiemu lill-mara adultera? (2)
*What was the trap in which the Pharisees wanted to deceive Jesus when they brought the adulterous woman before him? (2)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU
*DO NOT WRITE IN THIS SPACE*

18. Semmi **ŻEWĠ** waqtiet fil-quddiesa li fihom aħna nitolbu maħfra ta' dnubietna lil Alla. (2)
*Mention **TWO** instances during mass in which we ask God for forgiveness of our sins. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

19. "Jien hu l-Ħobż Ħaj li nieżel mis-sema. Min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem." (Ġw 6, 51)
*"I am the living bread which has came down from heaven. Anyone who eats this bread, lives forever." (John 6, 51)*

(a) Għal xiex kien qed jirreferi Ġesù b'dan il-kliem? (1)
*What was Jesus referring to when he said these words? (1)*

______________________________

(b) Semmi sagrament li Ġesù waqqaf fl-Aħħar Ċena. (1)
*Mention a sacrament that Jesus instituted during the Last Supper. (1)*

______________________________

20. X'ried ifisser Ġesù meta fl-Aħħar Ċena lill-Appostli qalilhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"? *(Lq 22, 19)* (2)
*What did Jesus mean when, during the Last Supper, he said to the Apostles: "Do this in remembrance of me"? (Luke 22, 19) (2)*

______________________________

______________________________

21. "Mulej, tagħtinix la faqar u lanqas għana, iżda agħtini l-ikel li neħtieġ. Għax jekk ikolli bix-xaba', nista' niċħdek, u ngħid, 'Min hu l-Mulej?' Jekk niftaqar, nasal biex nisraq u nkażbar isem Alla." *(Prov 30, 8-9)*
Bħala Nsara, x'atteġġjament irid ikollna lejn il-flus? (2)
*"Keep falsehood and lies far from me; give me neither poverty nor riches, grant me only my share of food, for fear that, surrounded by plenty, I should fall away and say, 'Yahweh – who is Yahweh?' or else in destitution, take to stealing and profane the name of my God." (Prov 30, 8-9)*
*As Christians, what attitude should we have towards money? (2)*

______________________________

______________________________

22. X'tip ta' suċċess għandu jfittex in-Nisrani f'din il-ħajja? (2)
*What kind of success should a Christian seek in this life? (2)*

______________________________

______________________________

23. Għaliex huwa meħtieġ li l-kuxjenza tan-Nisrani tkun imdawla mill-Kelma ta' Alla? (2)
*Why is it necessary for the Christian conscience to be enlightened by the Word of God? (2)*

______________________________

______________________________

24. Għaliex in-Nisrani għandu jiżviluppa sens ta' ringrazzjament u tifħir lil Alla? (2)
*Why should a Christian develop a sense of gratitude and praise towards God? (2)*

______________________________

______________________________

25. Għaliex il-qtil hu dnub mill-iktar gravi? (2)
*Why is murder a grave sin? (2)*

______________________________

______________________________

26. Meta l-ewtanasja tkun azzjoni ta' omiċidju? (2)
*When is euthanasia an act of homicide? (2)*

______________________________

______________________________

27. X'inhuma l-mezzi straordinarji ta' kura? (2)
*What are the extraordinary means of care? (2)*

______________________________

______________________________

28. Semmi **ŻEWĠ** perikli bla bżonn għall-ħajja. (2)
*Mention **TWO** unnecessary dangers to life. (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

29. Liema huma ż-**ŻEWĠ** għanijiet taż-żwieġ Nisrani? (2)
*What are the **TWO** main purposes of Christian marriage? (2)*

i. ______________________________

ii. ______________________________

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

30. Meta koppja miżżewġa tiddeċiedi li jkollha l-ulied, trid tagħmel dan b'mod responsabbli. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li l-ġenituri Nsara għandhom jaħsbu fihom meta jieħdu din id-deċiżjoni. (2)
*When a married couple decides to have children, they must do this responsibly. Name* ***TWO*** *things that Christian parents should think about when taking this decision.* *(2)*

i. ________________________________________

ii. ________________________________________

**Sezzjoni B: Minn din is-sezzjoni, wieġeb ĦAMES mistoqsijiet billi tikteb paragrafu fuq kull waħda. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.**
***Section B: From this section, answer FIVE questions by writing a paragraph on each one. You can answer in either English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.***

1. Ikteb dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jtellfu lill-persuna milli tipprattika r-Reliġjon. (5)
*Write about those circumstances that may prevent a person from practising Religion.* *(5)*

2. B'liema attitudnijiet in-Nisrani għandu jersaq lejn il-Bibbja? (5)
*With what attitudes should a Christian read the Bible?* *(5)*

3. Ġesù mhuwiex biss bniedem iżda huwa wkoll Alla. Għalina l-Insara, x'differenza tagħmel din il-verità? (5)
*Jesus is not only a human but also God. In a Christian context, what difference does this truth make? (5)*

4. Il-Knisja għandha tliet missjonijiet: dik li tgħallem, li tqaddes u li tmexxi l-komunità Nisranija. Ikteb dwar ħidma **WAĦDA** minnhom. (5)
*The Church has three missions: to teach, to sanctify, and to lead the Christian community. Write about* ***ONE*** *mission. (5)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

5. Kif għandek tipprepara ruħek biex tilqa' l-maħfra ta' Alla? (5)
*How should you prepare yourself to receive God's forgiveness?* *(5)*

6. Diversi simboli li jintużaw fil-Magħmudija jgħinuna nifhmu l-effetti ta' dan is-sagrament fuq min jirċevih. Fisser **TLIETA** minn dawn is-simboli. (5)
*Various symbols used during Baptism help us to understand the effects of this sacrament on whom it is being bestowed. Explain **THREE** of these symbols.* *(5)*

7. Ikteb dwar x'għandha tkun l-attitudni tan-Nisrani lejn l-ambjent. (5)
*Write about the Christian's attitude towards the environment.* *(5)*

8. X'inhu dak li jgħolli ż-żwieġ minn patt naturali għal patt sagrament? (5)
*What raises marriage from a natural agreement to a covenantal sacrament? (5)*

**(Total: 25 marka)** ***(Total: 25 marks)***

**Sezzjoni Ċ: Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija. Din is-sezzjoni għandha 25 marka.**
***Section C: Read these texts carefully and answer ALL the questions that follow. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question. This section carries 25 marks.***

1. **Iż-żgħożija u Ġesù**

"Jekk int żagħżugħ fl-età, imma tħossok dgħajjef, għajjien u deluż, itlob lil Ġesù jġeddek hu. Miegħu ma tonqosna qatt it-tama. L-istess tista' tagħmel jekk tħossok mgħaddas fil-vizzji, fid-drawwiet ħżiena, fl-egoiżmu jew fil-kumdità marida. Ġesù, mimli ħajja, irid jgħinek tagħmel miż-żgħożija tiegħek żmien li tabilħaqq hu ta' min jgħixu. Hekk ma ċċaħħadx lid-dinja minn dak is-sehem li int biss tista' tagħti, għax int uniku u irrepetibbli.

Imma nixtieq infakkrek ukoll li 'diffiċli ħafna neħduha kontra l-konkupixxenza tagħna u kontra l-periklu u t-tentazzjonijiet tax-xitan u tad-dinja egoista, jekk nibqgħu iżolati. Tant hu kbir il-bumbardament li qed jaħbat għalina li, jekk aħna wisq waħidna, faċli nitilfu s-sens tar-realtà, iċ-ċarezza interjuri, u nogħtru'. Dan jgħodd fuq kollox għaż-żgħażagħ, għax flimkien intom għandkom saħħa li ta' min jammiraha. Meta titħeġġu għal ħajja komunitarja, intom kapaċi taslu biex tagħmlu sagrifiċċji kbar għall-oħrajn u għall-komunità. Min-naħa l-oħra, l-iżolament idgħajjifkom u jesponikom għall-agħar ħażen ta' żmienna."

*(Eżortazzjoni Appostolika Christus Vivit, [minn Papa Franġisku, 2020 par. 109-110])*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

***Youth and Jesus***

*"If you are young in years, but feel weak, weary or disillusioned, ask Jesus to renew you. With him, hope never fails. You can do the same if you feel overwhelmed by vices, bad habits, selfishness or unhealthy pastimes. Jesus, brimming with life, wants to help you make your youth worthwhile. In this way, you will not deprive the world of the contribution that you alone can make, in all your uniqueness and originality.*

*Yet let me also remind you that,'when we live apart from others, it is very difficult to fight against concupiscence, the snares and temptations of the devil, and the selfishness of the world. Bombarded as we are by so many enticements, we can grow too isolated, lose our sense of reality and inner clarity, and easily succumb'.This is especially the case with young people, for whenever you are united, you have marvellous strength. Whenever you are enthused about life in common, you are capable of great sacrifices for others and for the community. Isolation, on the other hand, saps our strength and exposes us to the worst evils of our time."*

*(Apostolic Exhortation Christus Vivit, by Pope Francis, 2020 par. 109-110)*

(a) i. Skont Papa Franġisku, lil min għandek titlob jekk inti tħossok dgħajjef, għajjien u deluż? (1)
*According to Pope Francis, to whom should you pray if you feel weak, tired and disappointed? (1)*

____________________________________________________________

ii. Għaliex għandek titlob lilu? (2)
*Why should you beseech him? (2)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________

(b) X'jiġrilu l-bniedem jekk jiddeċiedi li jibqa' iżolat? (2)
*What happens to the human person if he/she decides to remain isolated? (2)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________

(c) Semmi **TLIET** eżempji ta' ħażen li ż-żgħażagħ tal-lum jistgħu jaqgħu fihom. (3)
*Mention **THREE** examples of evil that today's adolescents may fall into. (3)*

i. ________________________________________________________

ii. ________________________________________________________

iii. ________________________________________________________

(d) Int, bħala żagħżugħ/a Nisrani/ja, x’jista’ jkun is-sehem tiegħek għall-ġid tas-soċjetà? (2)
*As a young Christian, what can your contribution be in order to have a better society? (2)*

**(Total: 10 marki)** ***(Total: 10 marks)***

2. **L-ilma mill-blat**

"Il-ġemgħa kollha ta’ wlied Iżrael telqu fid-deżert ta’ Sin, jimxu u jieqfu skont ma jgħidilhom il-Mulej; u waqfu f’Rafidim. Hemmhekk ma kienx hemm ilma x’jixorbu. Il-poplu ħadha kontra Mosè u qalulu: ’Agħtina ilma x’nixorbu!‘ Mosè weġibhom: “Għaliex teħduha miegħi u ġġarrbu lill-Mulej?‘
Hemmhekk il-poplu qabdu l-għatx, u gemgem kontra Mosè u qal: ’Għalfejn tellajtna hawn mill-Eġittu biex toqtol lilna, ’l uliedna u ’l-bhejjem tagħna bil-għatx?‘ Mosè għajjat quddiem il-Mulej u qal: ’X’se nagħmel lil dan il-poplu? Ftit ieħor u jħaġġruni.‘ Il-Mulej qal lil Mosè: ’Għaddi minn quddiem il-poplu, u ħu miegħek xi wħud mix-xjuħ ta’ Iżrael; ħu f’idejk il-ħatar li bih kont drabt ix-xmara tan-Nil, u mur. Arani, jien noqgħod hemm quddiemek, fuq il-blat f’Ħoreb; u int aħbat il-blat u toħroġ minnu l-ilma, u jixrob il-poplu.‘ " *(Eż 17, 1-6)*

**Water from the rock**

*"The whole community of Israelites left the desert of Sin, travelling by stages as Yahweh ordered. They pitched camp at Rephidim where there was no water for the people to drink. The people took issue with Moses for this and said, ‘Give us water to drink.’ Moses replied, ‘Why take issue with me? Why do you put Yahweh to the test?’*

*But tormented by thirst, the people complained to Moses. 'Why did you bring us out of Egypt,' they said, 'only to make us, our children and our livestock, die of thirst?' Moses appealed to Yahweh for help. 'How am I to deal with this people?' he said. 'Any moment now they will stone me!' Yahweh then said to Moses, 'Go on ahead of the people, taking some of the elders of Israel with you; in your hand take the staff with which you struck the River, and go. I shall be waiting for you there on the rock at Horeb. Strike the rock, and water will come out for the people to drink.' " (Ex 17, 1-6)*

(a) i. Mil-liema ktieb bibliku hija meħuda din is-silta? (1)
*From which biblical book is this passage taken? (1)*

ii. X’rakkont ewlieni nsibu f’dan il-ktieb? (2)
*What is the main story we find in this book? (2)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

(b) i. Kemm-il sena dam il-Poplu Lhudi jimxi fid-deżert sa ma wasal fl-Art Imwiegħda? (1)
*For how many years did the Jewish people walk in the desert until they reached the Promised Land? (1)*

ii. Meta waqfu f'Rafidim, għaliex il-Poplu Lhudi ħadha kontra Mosè? (2)
*When they stopped in Rephidim, why did the Jewish people gathered against Moses? (2)*

(c) X'qal Alla lil Mosè wara li l-poplu gemgem kontrih? (3)
*What did God say to Moses after the people gathered against him? (3)*

(d) Fl-aħħar vers fil-ġrajja li għadek kemm qrajt jissemma 'Ħoreb'. X'kien esperjenza Mosè f'dan il-post qaddis meta kien qed jirgħa n-nagħaġ ta' ħatnu, Ġetro? (3)
*In the last verse of the passage you just read, 'Horeb' is mentioned. What did Moses experience in this holy place when he was grazing the sheep of Jethro, his father in law? (3)*

(e) Mosè huwa personaġġ importanti fl-istorja tal-Poplu Lhudi. Kif inti tista' tixbah lil Mosè? (3)
*Moses is an important personage in the history of the Jewish People. How can you be like Moses? (3)*

**(Total: 15-il marka)** ***(Total: 15 marks)***

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2021/2021 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIA |
| DATA/DATE: | 3 ta' Lulju 2021/3rd July 2021 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb TLIETA minn dawn is-sitt mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija għandha 50 marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer THREE of these six questions in essay form. Each question carries 50 marks out of a total of 150.***

1. "Intom il-Ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom biċċa minnu." (1 Kor 12, 27)
   a) (i) X'ried ifisser San Pawl meta xebbah il-Knisja mal-ġisem ta' Kristu? (6)
   (ii) Spjega kif il-Knisja hija l-poplu l-ġdid ta' Alla. (12)
   b) Għaliex fil-Kredu nistqarru li l-Knisja hija Waħda u Appostolika? (16)
   ċ) (i) X'tikkummenta meta xi ħadd jgħid: "Jiena nemmen f'Alla, nemmen li Ġesù Kristu kien bniedem speċjali, nitlob, naqra l-Iskrittura imma ma nħossx li għandi nkun parti mill-Knisja"? (6)
   (ii) Kif wieħed għandu jimpenja ruħu fil-bini ta' Knisja li tkompli tkun xhieda ta' dak li riedha Kristu? (10)

   *"Now you are the body of Christ, and each one of you is a part of it." (1 Cor 12, 27)*
   *a) (i) What did St. Paul mean when he compared the Church to the body of Christ? (6)*
   *(ii) Explain how the Church is the new people of God. (12)*
   *b) In the Creed why do we confess that the Church is One and Apostolic? (16)*
   *c) (i)* What do you remark when someone says, "I believe in God, I believe Jesus was a special person, I pray and read the Bible, but I don't feel the need to be part of the Church"? *(6)*
   *(ii) How should one engage in building a Church that continues to be a witness to what Christ wanted? (10)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2. L-Ewkaristija: ġrajja ċentrali fil-ħajja u l-ħidma ta’ Ġesù.
   a) (i) Fi kliemek, ikteb ir-rakkont ta’ meta Ġesù waqqaf l-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena. (8)
      (ii) Għaliex Ġesù għamel din l-ikla qabel ma kellu jbati? (6)
   b) Fisser għaliex il-Patt il-Ġdid li waqqaf Ġesù fl-Aħħar Ċena hu aqwa mill-Patt tas-Sinaj. (16)
   ċ) Fil-Quddiesa nġeddu l-mogħdija tal-Mulej Ġesù mill-mewt għall-ħajja u nerġgħu ngħixu dak li wettaq Ġesù fl-Aħħar Ċena.
      (i) Għaliex għan-Nisrani, l-Ewkaristija hija l-ikel tar-ruħ? (10)
      (ii) X’għandhom ikunu l-attitudnijiet tagħna f’kull quddiesa li fiha nieħdu sehem? (10)

*The Eucharist: a main event in the life and work of Jesus.*
*a) (i) In your own words, write the narrative of when Jesus instituted the Eucharist during the Last Supper. (8)*
*(ii) Why did Jesus make this meal before he had to suffer? (6)*
*b) Explain why the New Covenant that Jesus established during the Last Supper is better than the Sinai Covenant. (16)*
*c) During Mass we renew the passing of the Lord Jesus from death to life and relive what Jesus did during the Last Supper.*
*(i) Why is the Eucharist the food of the soul for the Christian? (10)*
*(ii) What attitudes should we have when participating during mass? (10)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

3. “U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fl-Għeden; in-naħa tal-Lvant, u qiegħed hemm il-bniedem li kien sawwar.” *(Ġenesi 2, 8)*
   a) (i) Irrakkonta l-ġrajja tal-ħolqien kif insibuha fit-tieni kapitlu tal-Ġenesi. (8)
      (ii) Ikteb dwar **ERBA’** tagħlimiet li ried iwasslilna l-awtur permezz ta’ dan il-kapitlu. (12)
   b) Iddeskrivi t-teorija tal-evoluzzjoni u kif din it-teorija tolqot it-twemmin Nisrani dwar il-kobor tal-ħolqien. (14)
   ċ) Fir-rakkonti tal-bidu tal-umanità naraw kemm Alla ta dinjità lir-razza umana. Ikkummenta dwar kif int tista’ turi apprezzament lejn dak li Alla għamel fil-bidu tad-dinja. (16)

*“And the Lord God planted a garden eastward in Eden; and there he put the man whom he had formed.” (Genesis 2, 8)*
*a) (i) Narrate the story of creation as found in the second chapter of Genesis. (8)*
*(ii) Write about **FOUR** lessons the author wanted to teach us through this chapter. (12)*
*b) Describe the theory of evolution and how this theory affects the Christian belief about the greatness of creation. (14)*
*c) In the narrations of the beginning of mankind we see how God gave dignity to the human race. Comment on how you can show appreciation for what God did at the beginning of the world. (16)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

4. "Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar." *(Eż 20,1)*
   a) (i) Spjega kif il-Poplu Lhudi sab ruħu fil-jasar. (8)
      (ii) X'għamel Alla biex ħeles il-Poplu Lhudi minn dan il-jasar? (8)
   b) (i) Irrakkonta l-mixja fid-deżert tal-Poplu Magħżul ta' Alla. (8)
      (ii) X'messaġġi ried iwassal l-awtur sagru fir-rakkont ta' din il-mixja? (10)
   ċ) Spjega kif in-Nisrani jista' jgħix il-libertà li jagħtina Alla. (16)

   *"I am the Lord your God, who brought you out of Egypt, out of the land of slavery." (Ex 20,1)*
   *a) (i) Explain how the Jewish people found themselves in slavery. (8)*
      *(ii) What did God do to free the Jewish people from slavery? (8)*
   *b) (i) Narrate the journey of God's Chosen People in the desert. (8)*
      *(ii) What messages did the sacred author want to convey in the account of this journey? (10)*
   *c) Explain how the Christians can live the freedom that God gives us. (16)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

5. Id-dinjità tal-Bniedem u d-dinjità tan-Nisrani.
   a) (i) L-istima li Alla għoġbu jagħti lil Marija hija xi ħaġa tal-għaġeb. Ikteb dwar **ŻEWĠ** għeġubijiet kbar li Alla wettaq ma' Marija. (8)
      (ii) Xi jfittex il-bniedem biex jibni stima tajba tiegħu nnifsu? (6)
   b) Bil-Magħmudija, id-dinjità tagħna tisbieħ u titqawwa għaliex huwa s-sagrament li permezz tiegħu, Alla jurina kemm aħna niswew. X'tagħmel fina l-Magħmudija? Xi stima għolja tagħtina? (20)
   ċ) Permezz tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof, in-Nisrani jsaħħaħ is-sejħa u d-doni tal-Magħmudija.
      (i) Xi jseħħ fina meta nirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof? (8)
      (ii) Permezz ta' **ŻEWĠ** eżempji mill-ħajja, spjega kif in-Nisrani żagħżugħ jikber fil-qdusija kemm permezz tas-Sagramenti kif ukoll permezz tal-ħidma volontarja. (8)

   *The dignity of Man and the dignity of the Christian.*
   *a) (i) The esteem that God was pleased to give Mary is astonishing. Write about* ***TWO*** *great wonders that God accomplished with Mary. (8)*
      *(ii) What* does the human being seek to build *a good self-esteem? (6)*
   *b) Through Baptism, our dignity is beautified and strengthened because it is the sacrament through which God shows us how precious we are. What does Baptism do for us? What high esteem does Baptism give us? (20)*
   *c) Through the Sacrament of Confirmation, the Christian strengthens the call and gifts of Baptism.*
      *(i) What happens to us when we receive the Sacrament of Confirmation? (8)*
      *(ii) By giving* ***TWO*** *examples from everyday life, explain how a young Christian grows in holiness through both the Sacraments and voluntary work. (8)*

**(Total: 50 marka)** ***(Total: 50 marks)***

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

6. Is-Sid tal-ħajja hu Alla.
   a) Alla biss għandu s-setgħa fuq il-ħajja.
      (i) Spjega l-ħames Kmandament, "La toqtolx", fid-dawl ta' din l-istqarrija. (8)
      (ii) Spjega kif Ġesù, bit-tagħlim u l-eżempji tiegħu, wera li l-ħajja hija prezzjuża. (8)
   b) Permezz tas-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, Ġesù ried li s-setgħa tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem tgħaddi għand il-Knisja biex tintwera l-ħniena ta' Alla. Ikteb dwar l-importanza li għandu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda fil-ħajja tan-Nisrani u spjega meta dan għandu jingħata. (16)
   ċ) Kieku jkollok tieħu sehem f'diskussjoni dwar l-abort, kif tispjega l-fatt li l-Knisja hi kontra l-abort fi kwalunkwe ċirkustanza? (18)

   *The Lord of life is God.*
   *a) Only God has power over life.*
      *(i) In the light of this statement, explain the fifth Commandment, "Thou shalt not kill".* *(8)*
      *(ii) Explain how Jesus, through his teachings and examples, revealed that life is precious.* *(8)*
   *b) Through the Anointing of the Sick, Jesus wanted his power over human health to be passed on to the Church to show God's mercy. Write about the importance of this Sacrament in Christian life and explain when it should be bestowed.* *(16)*
   *c) If you had to take part in a discussion about abortion, how would you explain the fact that the Church is against abortion under all circumstances?* *(18)*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2021/2021 MAIN SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NUMBER: | IIB |
| DATA/DATE: | 3 ta' Lulju 2021/3rd July 2021 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb GĦAXRA minn dawn is-sittax-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija għandha 15-il marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer TEN from these sixteen questions in paragraph form. Each question carries 15 marks out of a total of 150.***

1. X'tiswa r-Reliġjon għall-ħajja tal-bniedem?
*What is the value of Religion for human life?*

2. Semmi **TLIET** persuni importanti mit-Testment il-Qadim u spjega x'kien is-sehem tagħhom fil-ġrajja tas-Salvazzjoni.
*Mention **THREE** important persons from the Old Testament and explain their role in the story of Salvation.*

3. Alla waħdu hu s-Sid tal-ħajja. Spjega kif din il-verità toħroġ mir-rakkonti tal-bidu tad-dinja kif insibuhom fil-Ktieb tal-Ġenesi.
*God alone is the Lord of life. Explain how this truth emerges from the accounts of the beginning of the world as we find them in the Book of Genesis.*

4. Ikteb **TLIET** kmandamenti li Alla ta lil Mosè u spjega kif inti tista' tgħixhom f'ħajtek.
*Write **THREE** commandments that God gave to Moses and explain how you can live them in your life.*

5. Ġesù kien bniedem li wera rispett lejn id-dinjità ta' kull persuna. Ikteb dwar **TLIET** episodji li naqraw fl-Evanġelji fejn fihom Ġesù irrispetta lill-oħrajn.
*Jesus was a man who showed respect towards the dignity of every person. Write about **THREE** episodes that we find in the Gospels in which Jesus respected others.*

6. Alla qal: "Dan hu ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu" (Mt 17,5). Għaliex għandna nisimgħu minn Ġesù?
*God said: "This is my Son, whom I love; with him I am well pleased. Listen to him!" (Mt 17,5). Why should we listen to Jesus?*

7. (a) Semmi **ŻEWĠ** tixbihat li Ġesù qal dwar il-Knisja. (4)
(b) Irrakkonta **WAĦDA** minnhom u agħti t-tifsira tagħha. (11)
*(a) Name **TWO** similitudes that Jesus said about the Church. (4)*
*(b) Narrate **ONE** of them and give its meaning. (11)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara. / Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

8 Tista' tiltaqa' ma' xi ħadd li jgħid: "Jiena nemmen f'Alla, nemmen li Ġesù Kristu kien bniedem speċjali, nitlob, naqra l-iskrittura imma ma nħossx li għandi nkun parti mill-Knisja." Kif għandu jirreaġixxi n-Nisrani għal din l-istqarrija?
*You may encounter a person who says: "I believe in God, I believe Jesus was a special person, I pray and read the Bible, but I don't feel the need to be part of the Church." How should the Christian react to this statement?*

9. X'rabta hemm bejn il-qawmien ta' Kristu mill-mewt u s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?
*What is the link between the resurrection of Christ from the dead and the sacrament of Reconciliation?*

10. Jeffrey: Qabel ma nsibu u npattihielu ma noqgħodx bi kwieti. Żgur li mhux se naħfirlu.
Sean: Imma ma taħsibx li l-affarijiet se tkabbarhom flok tikkalmahom?
Jeffrey: Allura taħseb li jien għandi naċċetta li joqgħod jgħajjarni? Persważ li nsibu u ntih xebgħa lsien kif tmiss il-liġi.
Sean: U mbagħad? Xi tkun ħadt? Probabbli, jekk jirraġuna bħalma qed tirraġuna inti, tibqgħu sejrin biha u xi ħadd minnkom jispiċċa jweġġa' bis-sitwazzjoni taggrava.
Jeffrey: B'hekk biss nistrieħ. Billi npattiha lura u nagħtih dak li ħaqqu.

Għaliex in-Nisrani għandu jaħfer?

*Jeffrey: I won't rest before I find him and pay him back. I definitely won't forgive him.*
*Sean: But don't think that you are* making matters worse instead of calming things down*?*
*Jeffrey: So do you think that I should accept his insults? I will find him and pay him back.*
*Sean: And then? What would you have gained by that? Probably, if he thinks as you do, the situation will get worse and someone will end up hurting.*
*Jeffrey: The only way how I can feel better is to pay him back and give him what he deserves.*

*Why should a Christian forgive?*

11. (a) Xi tfisser il-kelma 'ewkaristija'? (3)
(b) Iddeskrivi xi jsir fil-Liturġija tal-Kelma **JEW** fil-Liturġija Ewkaristika. (12)
*(a) What does the word 'eucharist' mean? (3)*
*(b) Describe what happens during the Liturgy of the Word **OR** during the Liturgy of the Eucharist. (12)*

12. Spjega fil-qosor għaliex fil-Magħmudija:
(a) L-Imgħammdin isiru wlied Alla. (5)
(b) L-Imgħammdin isiru aħwa ta' Ġesù. (5)
(ċ) L-Imgħammdin isiru Tempji tal-Ispirtu s-Santu. (5)
*Explain briefly why during Baptism:*
*(a) The Baptized become children of God. (5)*
*(b) The Baptized become brothers and sisters of Jesus. (5)*
*(c) The Baptized become Temples of the Holy Spirit. (5)*

13. F'Ġesù, il-bniedem laħaq l-ogħla suċċess li qatt seta' jilħaq.
    (a) X'inhu dan is-suċċess? (8)
    (b) L-Insara, kif jistgħu jilħqu dan is-suċċess? (7)
    *In Jesus, man attained the highest success he could ever attain.*
    *(a) What is this success? (8)*
    *(b) How can Christians achieve this success? (7)*

14. In-nanna ta' Mauro kienet ilha ma tiflaħx. Fix-xhur li għaddew, minħabba l-pandemija tal-Covid-19, għamlet f'qalbha għax il-familja tagħha ma setgħetx tmur taraha daqs kemm kellha bżonn. Kellha bżonn ukoll tagħmel xi ġranet l-isptar. Jum minnhom, missier Mauro rċieva telefonata mill-isptar li kienu se jagħmlu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lin-nanna ta' Mauro.
    Spjega għaliex meta n-Nisrani jkun f'ċertu kundizzjonijiet ta' saħħa, ikun ħafna aħjar li jirċievi s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.
    *Mauro's grandmother had been ill for a long time. In recent months, due to the Covid-19 pandemic, she was upset because her family could not go to see her as much as she needed. Eventually she also needed to spend some days in hospital. One fine day, Mauro's father received a phone call from the hospital and they told him that they were going to bestow the sacrament of the Anointing of the Sick on Mauro's grandmother.*
    *Explain why when a Christian is in a certain state of health, it is much better to receive the Sacrament of Anointing of the Sick.*

15. (a) X'differenza hemm bejn il-kontraċettivi u l-abort? (5)
    (b) Spjega għaliex it-tagħlim tal-Knisja hu kontra l-abort. (10)
    *(a) What is the difference between contraceptives and abortion? (5)*
    *(b) Explain why the teaching of the Church is against abortion. (10)*

16. Eros, Filija, Agape. Kollha jfissru 'mħabba'.
    (a) Liema minnhom hija l-imħabba li biha ħabbna Alla l-Missier? (2)
    (b) Kif Alla wera mħabbtu lejna? (4)
    (ċ) Agħti **TLIET** eżempji kif int għandek tixbah lil din l-imħabba li biha Alla ħabbna? (9)
    *Eros, Philia, Agape. They all mean 'love'.*
    *(a) Which of them is the love with which God the Father loved us? (2)*
    *(b) How did God show his love to us? (4)*
    *(c) Give **THREE** examples of how you should resemble this love with which God loved us? (9)*